

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

8.10.2008

0082/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Mechtild Rothe, Anders Wijkman, Fiona Hall, Claude Turmes, Umberto Guidoni

dwar it-twaqqif ta' Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA)

Data ta' skadenza: 22.1.2009

0082/2008

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-twaqqif ta' Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA)

Il-Parlament Ewropew,

wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

- A. billi t-talba għall-enerġija dinjija bħalissa hija koperta prinċipalment minn sorsi ta' enerġija konvenzjonali,
- B. billi żewġ biljun ruħ madwar id-dinja għad m'għandhomx aċċess għal servizzi moderni ta' provvista tal-enerġija,
- C. billi l-ħruq tas-sorsi tal-enerġija fossili kkontribwixxa sew fit-tisħin globali u fil-bidla fil-klima,
- D. billi l-enerġija fossili u l-enerġija nukleari huma rappreżentati rispettivament mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (IEA) u mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA),
- E. billi r-risoluzzjoni tal-Forum Parlamentari Internazzjonali dwar l-Enerġija Rinnovabbli 2004 ħeġġeġ it-twaqqif ta' Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli,
 - 1. Iqis li l-promozzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli teħtieġ miżuri istituzzjonali ġodda f'dan il-qasam tal-koperazzjoni internazzjonali;
 - 2. Jilqa' l-inizjattiva tal-gvern Ġermaniż, Daniż u Spanjol għat-twaqqif tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Rinnovabbli (IRENA);
 - 3. Jitlob lill-parlamenti kollha tal-UE biex jagħmlu sforz komuni u jappoġġjaw it-twaqqif tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA);
 - 4. Jitlob lill-gvernijiet kollha tal-UE biex jappoġġjaw it-twaqqif tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli u jsiru membri fundaturi tal-Aġenzija;
 - 5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġja din l-inizjattiva u biex issir membru fundatur tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA);
 - 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji tagħha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.